

# Arċipriet sal-Aħħar

## Apprezzament

*Joseph C. Camilleri*

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011, tħabbret il-mewt ta' **Mons ĠUŻEPPI ŻERAFA** fl-eta ta' 72 sena. Kienet aħbar ta' dieqa u niket għal Għajnsielem kollu għax għalkemm konna konxji bil-qagħda ta' saħħtu biss qatt ma stennejna li se jħallina daqstant malajr. Ġentlom u ħabib ta' kulħadd u fuq kollox ċajtier u dejjem lest biex jgħin lil min hu fil-bżonn sewwa spiritwalment u anke personalment.

Jiena nafu sa minn tfuliti, nafu abbati, saċerdot u arċipriet. Hafna drabi konna nitħadtu fuq il-futbol, sewwa fejn jidħol it-tim lokali u anke timijiet ingliżi liaħna t-tnejn nissapportjaw għalkemm ma tantx konna naqblu fil-prinċipju biss xorta konna niddiskutu l-opinjonijiet tagħna.



Kien bniedem li jippromovi dak kollu li jsir f'Għajnsielem u kollox jinteressah fejn jidħol raħal twelidna. Kien storiku għax dan l-aħħar snin wera kemm hu intiż fl-istorja tar-raħal tagħna u kemm jiftakar minn xhiex għadda Għajnsielem, speċjalment qabel u wara t-tieni Gwerra Dinjija. Dan kien jgħaddih permezz ta' programm bl-isem 'Għajnsielem kif nafu jien' fuq ir-radju Lauretana, fejn kien iżomm lil kulħadd issummat. Il-ħidma tiegħu kienet apprezzata mill-poplu Għajnselmiż bit-tislima li tah fil-funeral tiegħu u li din se tibqa' fil-memorja ta' ħafna.

Fid-9 ta' filgħodu kien espost *presente catavere* fir-residenza tal-familja tiegħu fejn il-poplu ta' Għajnsielem tah l-aħħar tislima. Mill-12 sat-3.00 kien espost *presente catavere* fil-knisja l-qadima fejn kien għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu. It-tebut telaq purċissjonalment akkompanjat mill-Banda San Ġużepp fejn fil-knisja l-ġdida Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex ikkonċelebra quddiesa bi knisja mimlija daqs bajda u b'omelija ta' tqanqil u meqjusa.

Kif inhi t-tradizzjoni f'Għajnsielem, waqt il-funeral in-nies bdew tilgħejn tnejn tnejn biex ibusu s-salib ta' fuq it-tebut. Wara l-familjari kien hemm serbut ta' nies li ma setax jispiċċa. Wara nqraw ukoll xi poeżiji tal-okkażjoni u saħansitra l-mużika waqt iċ-ċelebrazzjoni kienet tal-Cappella Diacono taħt it-tmexxija ta' Dun Ġwann Galea, li għall-okkażjoni daqqet l-antifona '*Beata Mater*' li ġeneralment tindaqq fil-festa tal-Madonna ta' Loretu. Hawn dawk kollha preżenti nfexxew f'ċapċip bit-tebut tal-Monsinjur Żerafa jittieħed quddiem in-niċċa tal-istatwa titulari.

Wara dan il-funeral sabiħ u tant mistħoqq lill-Monsinjur Ġużeppi Żerafa, saret id-difna b'mod privat fiċ-ċimiterju tal-Parroċċa.

Mons. Ġużeppi Zerafa kien it-tieni Arċipriet u l-għaxar kappillan tal-Paroċċa ddedikata lill-Madonna ta' Loretu. Twieled f'Għajnsielem fl-20 ta' Frar 1938. Ha l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja ta' Għajnsielem fejn aktar tard kompla l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' Sant Antnin f'Għajnsielem stess. Daħal is-seminarju tal-Qalb ta' Ġesú fl-1955. Tlett snin wara beda l-istudji tiegħu tal-Filosofija u Teoloġija. Fil-25 ta' April 1965 kien ordnat saċerdot mill-isqof Ġ. Pace u ċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja l-qadima fl-24 ta' Mejju 1965.

L-ewwel kariga tiegħu kienet ta' Viċi parroku fil-Paroċċa ta' Għajnsielem, pożizzjoni li żamm sal-1981. Kien ukoll direttur spiritwali tal-Leġjun ta' Marija u tal-Azzjoni Kattolika għal ħafna snin. Kien ukoll membru attiv fil-Banda San Ġużepp u fil-Klabb tal-Futbol ta' Għajnsielem. Waqqaf ukoll il-kor Lauretana. Mons. Żerafa kien il-bniedem li għen ħafna lill-Arċipriet Mons. Espedito Tabone fil-ġbir tal-fondi għall-bini tal-knisja l-ġdida. Kien appuntat bħala t-tieni Arċipriet tal-paroċċa ta' Għajnsielem fil-11 ta' Marzu 1981 minn Mons Isqof Nikol Cauchi. Il-pussess sar fil-5 ta' April tal-istess sena. Il-ħidma tiegħu fil-parroċċa bdiet bil-wegħda tat-tkomplija fejn ħalla l-Arċipriet Tabone u bil-wegħda li kien għamel fl-ewwel diskors tiegħu bħala Arċipriet, li kien se jkompli jsebbaħ il-knisja l-ġdida għax hekk kien jixraqlu l-poplu ta' Għajnsielem.

Xi xogħlijiet li wettaq jinkludu l-pavimentar tal-irħam, tnax-il salib tal-irħam għal mall-pilastri, il-Via Sagra, ambone, sett linef tal-kristall u erba' konfessjonarji fuq stil gotiku. Kien ukoll responsabbli għan-niċċa tal-istatwa tal-Madonna ta' Loretu.

Waħda mill-akbar opri li ħallielna hija bla dubju ta' xejn L-ADORAZZJONI PERPETWA fil-knisja l- qadima, fejn ikun hemm espost ta' kuljum Ġesú Sagramentat għall-qima tagħna.

It-13 ta' Awwissu 1989 kien mument tassew speċjali għalih u għall-Għajnselmiżi kollha nkluż dawk li jgħixu barra minn xtutna (għax dawn huma benefatturi kbar għal kull proġett li jitwettaq fil-parroċċa) għax kienet ikkonsagrata l-knisja l-ġdida. Il-ħidma tiegħu bħala rgħaj spiritwali kompliet bit-tkabbir taċ-ċimiterju tar-raħal, bini ta' Ċentru Parrokkjali, u bini ta' żewġ imħażen għall-Għaqda tal-Armar fejn iżommu l-Armar tal-festa. Kien jagħti support kbir u kuraġġ lill-Għaqda Drammatika billi għal ħabta tal-Għid itellgħu pagent b' tifsira. Anke il-Kunsill Lokali kien konxu tal-ħidma tiegħu għax onorah b'Ġieh Għajnsielem fis- 7 ta' Diċembru, 2001.

Fit-2 ta' Diċembru, 2006 waqt quddiesa ta' ringrazzjament kien appuntat bħala Monsinjur tal-Kattidral mill-Isqof Mario Grech. Fl-10 ta' Diċembru, 2006 fil-festa Liturġika tal-Madonna ta' Loretu wara 25 sena bħala Arċipriet u 16-il sena Viċi parroku ta' servizz lill-Paroċċa ta' twelidu iddeċieda li jħalli din il-kariga.

Baqa' dejjem attiv fil-komunità u billi issa kellu aktar ħin liberu beda jibni r-repliki tal-knejjes u postijiet storiċi tar-raħal. Ta sehmu wkoll fil-proġett il-ġdid Bethelem f'Għajnsielem li qed jittella' kull sena f' Għajnsielem fi żmien il-Milied.

Mhux mejjet iżda dejjem ħaj fi ħdan il-Mulej u fil-qalb u l-moħħ ta' ħutu, neputijiet u pro-nepputijiet, bosta kuġini u qraba, ħutu fis-saċerdozju, ħbieb u l-Komunità Parrokkjali ta' Għajnsielem.




**Teddy Xuereb**
**(Tal-Qiżża)**

Kuntrattur għal kull xogħol ta' taħmil, excavations u qtugħ ta' blat





Address: Ix-Xagħri, Cordina Street, Għajnsielem Gozo
Tel: 79796060 / 21565213

# Mons. Ġużeppi Zerafa
# 1938 – 2011

## It-tieni Arċipriet u l-għaxar Kappilan tal-Parroċċa t'Għajnsielem

Twelid: 20 ta' Frar 1938
Ordnat Saċerdot: 25 t'April 1965
L-ewwel Quddiesa Sollenni: 27 ta' Mejju 1965
Maħtur Arċipriet: 11 ta' Marzu 1981
Premju 'Ġieħ Għajnsielem': 7 ta' Diċembru 2001
Mar jiltaqa' mal-Mulej: 12 ta' Jannar 2011












